

REGOLAMENT TA' IIMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 746/2014**tad-9 ta' Lulju 2014****li jiffissal-koeffiċjent ta' allokazżjoni li għandu jiġi applikat għall-applikazzjonijiet għal-liċenzji għall-importazzjoni mressqin mis-27 ta' Ġunju 2014 sal-4 ta' Lulju 2014 fil-kuntest tal-kwota tariffarja miftuħa mir-Regolament (KE) Nru 969/2006 għall-qamħirrum**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill⁽¹⁾ (KEE) Nru^o922/72, (KEE) Nru^o 234/79, (KE) Nru^o1037/2001 u (KE) Nru^o1234/2007 u b'mod partikolari, il-paragrafi 1 u 3 tal-Artikolu 188

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 969/2006⁽²⁾ fetaħ kwota tariffarja annwali għall-importazzjoni ta' 277 988 tunnellata qamħirrum (in-numru tas-serje 09.4131).
- (2) L-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 969/2006 ffissa għal 138 994 tunnellata l-kwantità tas-subperjodu nru 2 għall-perjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru 2014.
- (3) Min-notifika magħmula skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 969/2006, jirriżulta li l-applikazzjonijiet imressqin mis-27 ta' Ġunju 2014, mis-13:00 sal-4 ta' Lulju 2014 fis-13:00, ħin ta' Brussell, skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament imsemmi, jaqbżu l-kwantitajiet disponibbli. Jeħtieġ għalhekk li jiġi ddeterminat sa liema limitu jistgħu jinħarġu l-liċenzji għall-importazzjoni, filwaqt li jiġi stabbilit il-koeffiċjent ta' allokazżjoni li għandu jiġi applikat għall-kwantitajiet mitluba, ikkalkulat skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru^o1301/2006 tal-Kummissjoni⁽³⁾.
- (4) Jeħtieġ ukoll li ma jinħarġux liċenzji għall-importazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 969/2006 għall-perjodu kurrenti tal-kwota.
- (5) Sabiex tkun żgurata ġestjoni effettiva tal-proċedura għall-ħruġ tal-liċenzji għall-importazzjoni, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Kull applikazzjoni għal-liċenzja għall-importazzjoni tal-qamħirrum fil-kuntest tal-kwota msemmija fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 969/2006, imressqa mis-27 ta' Ġunju 2014, mis-13:00 sal-4 ta' Lulju 2014 fis-13:00, ħin ta' Brussell, tagħti lok għall-ħruġ ta' liċenzja għall-kwantitajiet mitluba assenjati skont koeffiċjent ta' allokazżjoni ta' 7,692996 %.
2. Il-ħruġ ta' liċenzji għall-kwantitajiet mitluba mill-4 ta' Lulju 2014 fis-13:00, ħin ta' Brussell, huwa sospiż għall-perjodu kurrenti tal-kwota.

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru^o969/2006 tal-Kummissjoni tal-29 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi kwota tariffarja Komunitarja u mod għall-ġestjoni tagħha għall-importazzjoni tal-qamħirrum minn pajjiżi terzi (ĠU L 176, 30.6.2006, p. 44).⁽³⁾ Ir-Regolament (KE) Nru^o1301/2006 tal-Kummissjoni tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni (ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2014.

Għall-Kummissjoni
fisem il-President
Jerzy PLEWA
Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali
